

## I

(Atti leġislattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2015/457

tas-17 ta' Marzu 2015

**li tħassar id-Deċiżjoni 2007/124/KE, Euratom li tistabbilixxi l-programmi speċifiċi “Prevenzjoni, Stat ta’ Thejġija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà” u Prevenzjoni ta’ u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità għall-Perijodu 2007-2013 bħala parti mill-Programmi Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet u dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/124/KE Euratom <sup>(1)</sup>, tistabbilixxi l-Programm Speċifiku “Prevenzjoni, Stat ta’ Thejġija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà” (“il-Programm”) li jkopri l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2007 sal-31 ta’ Diċembru 2013.
- (2) Għandu jiġi stabbilit regolament ġdid li jipprevedi appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2020 permezz tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>.
- (3) Id-Deċiżjoni 2007/124/KE Euratom għandha għalhekk titħassar b'effett mill-1 ta’ Jannar 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2007/124/KE, Euratom hija b'dan imħassra b'effett mill-1 ta’ Jannar 2014.

*Artikolu 2*

1. It-tħassar previst fl-Artikolu 1 ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż il-kanċellament totali jew parzjali, ta’ proġetti koperti mill-Programm sal-għeluq tagħhom, jew l-ghajjnuna finanzjarja approvata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2007/124/KE, Euratom, jew kwalunkwe att legali ieħor li japplika għal dik l-ghajjnuna finanzjarja fil-31 ta’ Diċembru 2013.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/124/KE, Euratom tat-12 ta’ Frar 2007 li tistabbilixxi l-programmi speċifiċi “Prevenzjoni, Stat ta’ Thejġija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà” u Prevenzjoni ta’ u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità għall-Perijodu 2007-2013 bħala parti mill-programmi Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet u dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

2. Meta tadotta deċiżjonijiet dwar il-kofinanzjament taħt l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, il-Kummissjoni għandha tqis il-miżuri adottati fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2007/124/KE, Euratom qabel l-20 ta' Marzu 2015 li jkollhom riperkussjonijiet finanzjarji matul il-perjodu kopert minn dak il-kofinanzjament.

3. Is-somom impenjati għall-konfinanzjament approvati mill-Kummissjoni bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013 li għalihom id-dokumenti meħtieġa għall-għeluq tal-operazzjonijiet ma jkunux intbagħtu lill-Kummissjoni sad-data ta' għeluq għas-sottomissjoni tar-rapport finali għandhom jiġu awtomatikament diżimpenjati mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2017, u dan iwassal għall-ħlas lura tal-ammonti li ma kellhomx jitħallsu.

L-ammonti relatati ma' operazzjonijiet li ġew sospiżi minħabba proċedimenti legali jew appelli amministrattivi li għandhom effett ta' sospensjoni għandhom jiġu injorati fil-kalkolu tal-ammont li għandu jiġi awtomatikament diżimpenjat.

4. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2015, rapport dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwantitattivi tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/124/KE, Euratom għall-perjodu mill-2011 sal-2013.

#### *Artikolu 3*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-istess data bħar-Regolament (UE) Nru 513/2014.

2. Jekk ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 jidħol fis-seħħ qabel il-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha.

#### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS

---